

Il-Ġurnal Uffiċjali C 154

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 62

6 ta' Mejju 2019

Werrej

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 154/01	Rata tal-kambju tal-euro	1
2019/C 154/02	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni	2

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2019/C 154/03	Avviż ta' proċedura tal-offerti għall-ġhoti ta' liċenzji għall-esplorazzjoni u għall-isfruttament tal-idrokarburi fuq l-art	3
---------------	---	---

V Avviżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 154/04	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9239 — Evonik/Peroxychem) ⁽¹⁾	5
2019/C 154/05	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.9234 — Harris Corporation/L3 Technologies) ⁽¹⁾	6

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

ATTI OĦRAJN

Il-Kummissjoni Ewropea

2019/C 154/06

Avviż lill-impriżi li beħsiebhom jintroduċu fis-suq l-idrofluworokarburi bl-ingrossa fl-Unjoni Ewropea fl-2020

7

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

It-3 ta' Meju 2019

(2019/C 154/01)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,1155	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5019
JPY	Yen Ġappuniż	124,40	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	8,7512
DKK	Krona Daniża	7,4657	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6856
GBP	Lira Sterlina	0,85785	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5209
SEK	Krona Żvediża	10,7043	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 305,08
CHF	Frank Żvizzeru	1,1383	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	16,2072
ISK	Krona İzlandiża	136,60	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,5124
NOK	Krona Norveġiża	9,7783	HRK	Kuna Kroata	7,4143
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 901,45
CZK	Krona Ċeka	25,712	MYR	Ringgit Malażjan	4,6187
HUF	Forint Ungeriż	323,38	PHP	Peso Filippin	57,860
PLN	Zloty Pollakk	4,2853	RUB	Rouble Russu	72,8703
RON	Leu Rumun	4,7553	THB	Baht Tajlandiż	35,724
TRY	Lira Turka	6,6644	BRL	Real Brażiljan	4,4194
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5943	MXN	Peso Messikan	21,3377
			INR	Rupi Indjan	77,2590

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

(2019/C 154/02)

Il-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2023 hija Veszprém, fl-Ungerija.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Avviż ta' proċedura tal-offerti għall-għoti ta' liċenzji għall-esplorazzjoni u għall-isfruttament tal-idrokarburi fuq l-art

(2019/C 154/03)

Skont l-Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Esplorazzjoni u l-Isfruttament tal-Idrokarburi (Narodne Novine (NN; Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja) Nru 52/2018) u d-Deċiżjoni tal-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja dwar it-tneċċja ta' proċedura tal-offerti għall-għoti ta' liċenzji għall-esplorazzjoni u għall-isfruttament tal-idrokarburi fuq l-art (Klassi: 022-03/18-04/327, Ref. No 50301-25/06-18-3), fil-31 ta' Ottubru 2018, l-Aġenzija għall-Idrokarburi Kroata, f'isem ir-Repubblika tal-Kroazja, ippubblikat dan li ġej

AVVIŻ TA' PROĊEDURA TAL-OFFERTI GĦALL-GĦOTI TA' LIĊENZJI GĦALL-ESPLORAZZJONI U GĦALL-ISFRUTTAMENT TAL-IDROKARBURI FUQ L-ART

Il-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja jistieden lill-persuni kollha interessati biex jippreżentaw l-offerti għall-liċenzji għall-esplorazzjoni u għall-isfruttament tal-idrokarburi fir-rigward tal-blokk ta' esplorazzjoni fuq l-art li qed jiġu offruti.

Id-dokumentazzjoni tal-offerta flimkien mal-informazzjoni u n-notifiki kollha li jirrigwardaw il-proċedura għandhom jiġu ppubblikati fuq is-siti web uffiċjali tal-Ministeru għall-Protezzjoni tal-Ambjent u tal-Enerġija — www.mzoe.hr u tal-Aġenzija tal-Idrokarburi - www.azu.hr.

1. Informazzjoni bażika dwar il-liċenzji

Il-liċenzji għall-esplorazzjoni u għall-isfruttament tal-idrokarburi jinħarġu fir-rigward ta' blokk ta' esplorazzjoni fuq l-art. Il-liċenzji għall-esplorazzjoni u għall-isfruttament tal-idrokarburi jagħtu lill-investituri d-dritt li jwettqu esplorazzjoni tal-idrokarburi fi blokka ta' esplorazzjoni speċifika u li jidħlu f'kuntratti għall-esplorazzjoni u għall-isfruttament tal-idrokarburi, flimkien mal-għotja diretta tal-liċenzja għall-estrazzjoni tal-idrokarburi, dment li dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Att dwar l-Esplorazzjoni u l-Isfruttament tal-Idrokarburi.

Il-liċenzji għall-esplorazzjoni u għall-isfruttament tal-idrokarburi għandhom jingħataw lill-offerenti rebbieħa għal perjodu massimu ta' tletin (30) sena, li jinkludi kemm il-perjodu ta' esplorazzjoni u l-perjodu ta' sfruttament, li jibda mid-data ta' dhuw fis-seħħ tal-kuntratt.

F'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-liċenzja, l-investituri għandhom jidħlu f'kuntratt mal-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja għall-esplorazzjoni tal-idrokarburi u l-kondiviżjoni tal-benefiċċji tal-isfruttament fi żmien sitt (6) xhur mid-data tal-ħruġ tal-liċenzja għall-esplorazzjoni u għall-isfruttament tal-idrokarburi.

2. Informazzjoni dwar il-blokk ta' esplorazzjoni

Il-proċedura tal-offerti għall-liċenzji għall-esplorazzjoni u għall-isfruttament tal-idrokarburi fuq l-art se titwettaq fir-rigward ta' seba' blokk ta' esplorazzjoni:

1. Blokka ta' esplorazzjoni Drava-03 (DR-03)
2. Blokka ta' esplorazzjoni Sava-06 (SA-06)
3. Blokka ta' esplorazzjoni Sava-07 (SA-07)
4. Blokka ta' esplorazzjoni Sava-11 (SA-11)
5. Blokka ta' esplorazzjoni Sava-12 (SA-12)
6. Blokka ta' esplorazzjoni Sjeverozapadna Hrvatska-01 [Majjstral tal-Kroazja-01] (SZH-01)
7. Blokka ta' esplorazzjoni Sjeverozapadna Hrvatska-05 [Majjstral tal-Kroazja-05] (SZH-05)

Il-mapep u l-koordinati tal-blokk tal-esplorazzjoni huma pprovduti fid-dokumentazzjoni tal-offerta.

3. Data indikattiva/data ta' skadenza għall-għoti tal-liċenzji

L-offerti jridu jitressqu sat-28 ta' Ġunju 2019 u d-data indikattiva għall-għoti tal-liċenzji hija l-31 ta' Ottubru 2019.

4. Kriterji għall-għażla tal-offerenti

Skont l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3) fir-rigward tas-sigurtà nazzjonali u f'konformità mal-Artikolu 19 tal-Att dwar l-Esplorazzjoni u l-Isfruttament tal-Idrokarburi, il-kriterji li għandhom jitqiesu sabiex jintgħażel l-aktar offerent vantaġġu huma:

1. il-kompetenza teknika, finanzjarja u professjonali tal-offerent;
2. il-mod ta' kif l-offerent għandu l-intenzjoni li jwettaq l-attivitajiet koperti mil-liċenzja għall-esplorazzjoni u għall-isfruttament tal-idrokarburi;
3. il-kwalità ġenerali tal-offerta sottomessa;
4. il-kundizzjonijiet finanzjarji offruti mill-offerent bħala skambju għal-liċenzja għall-esplorazzjoni u għall-isfruttament tal-idrokarburi; u
5. kwalunkwe forma ta' nuqqas ta' effiċjenza jew ta' responsabbiltà murija mill-offerent f'pajjiżi oħra u f'attivitajiet preċedenti koperti minn liċenzja għall-esplorazzjoni u għall-isfruttament tal-idrokarburi.

Kriterju ieħor għall-għażla tal-offerent hija t-tariffa mħallsa għad-dħul f'kuntratt għall-esplorazzjoni u għall-isfruttament tal-idrokarburi, li l-ammont minimu tagħha huwa stabbilit fir-regolament imsemmi fl-Artikolu 51 tal-Att dwar l-Esplorazzjoni u l-Isfruttament tal-Idrokarburi.

Jekk, wara evalwazzjoni abbażi tal-kriterji skont l-Att dwar l-Esplorazzjoni u l-Isfruttament tal-Idrokarburi, ikun hemm żewġ offerenti jew aktar li jkollhom l-istess mertu, għandhom jitqiesu kriterji oħra rilevanti, oġġettivi u mhux diskriminatorji sabiex tittieħed id-deċiżjoni finali.

President tal-Bord tat-Tmexxija

Marijan KR PAN

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9239 — Evonik/Peroxychem)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 154/04)

1. Fl-24 ta' April 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet li permezz tagħha Evonik Industries AG ("Evonik", il-Ġermanja), ikkontrollata minn RAG Stiftung (il-Ġermanja), takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Peroxychem Holdings L.P. ("Peroxychem", l-Istati Uniti tal-Amerka) permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal Evonik: il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' kimiċi ta' speċjalità, b'fokus fuq prodotti fl-oqsma tan-nutrizzjoni u tal-kura, l-effiċjenza tar-riżorsi u materjali ta' prestazzjoni;
 - għal Peroxychem: il-produzzjoni u l-forniment ta' perossidu tal-idroġenu, persulfati u aċidu peraċetiku, kif ukoll il-bejgħ mill-ġdid ta' derivattivi tal-kubrit.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtullha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9239 — Evonik/Peroxychem

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

E-mail: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.9234 — Harris Corporation/L3 Technologies)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2019/C 154/05)

1. Fis-26 ta' April 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Harris Corporation ("Harris") (l-Istati Uniti)
- L3 Technologies, Inc. ("L3") (l-Istati Uniti)

Harris takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, kontroll sħiħ ta' L3.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Harris: fornitur internazzjonali ta' teknoloġija ajruspazjali u ta' difiża li jissupplixxi prodotti, sistemi u servizzi għad-difiża, għall-gvern ċivili u għal applikazzjonijiet kummerċjali,
- għal L3: kumpanija internazzjonali ajruspazjali u ta' difiża li tforni sistemi ta' intelliġenza, sorveljanza u rikonox-xenza, ta' komunikazzjoni u sistemi elettroniċi għal klijenti fil-qasam tal-militar, is-sigurtà interna u l-avjazzjoni kummerċjali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9234 — Harris Corporation/L3 Technologies

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż lill-impriżi li beħsiebhom jintroduċu fis-suq l-idrofluworokarburi bl-ingrossa fl-Unjoni Ewropea fl-2020

(2019/C 154/06)

1. Dan l-Avviż huwa indirizzat lil kull impriża li tixtieq tagħmel dikjarazzjoni sabiex tintroduċi fis-suq l-idrofluworokarburi bl-ingrossa fl-Unjoni Ewropea fl-2020, skont l-Artikoli 16(2) u 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regolament"):
 - (a) għall-produtturi u l-importaturi li għalihom ġie ddeterminat valur ta' referenza għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2018 u l-31 ta' Diċembru 2020 bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1984 ⁽²⁾ ⁽³⁾;
 - (b) il-produtturi u l-importaturi l-oħra kollha li jixtiequ jintroduċu l-ekwivalenti ta' mill-anqas 100 tunnellata CO₂ ta' idrofluworokarburi bl-ingrossa fis-suq tal-Unjoni fis-sena 2020.
2. L-idrofluworokarburi huma s-sustanzi elenkati fit-taqsimha 1 tal-Anness I tar-Regolament, jew taħlitiet li fihom xi waħda minn dawn is-sustanzi:

HFC-23, HFC-32, HFC-41, HFC-125, HFC-134, HFC-134a, HFC-143, HFC-143a, HFC-152, HFC-152a, HFC-161, HFC-227ea, HFC-236cb, HFC-236ea, HFC-236fa, HFC-245ca, HFC-245fa, HFC-365mfc, HFC-43-10mee.
3. Kull introduzzjoni fis-suq ta' dawn is-sustanzi, ħliet għall-użi elenkati fil-punti minn (a) sa (f) tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament jew għal kwantità totali annwali ta' dawn is-sustanzi inqas mill-ekwivalenti ta' 100 tunnellata ta' CO₂ kull sena, hija soġġetta għal-limiti kwantitattivi tas-sistema tal-kwoti stabbilita fl-Artikoli 15 u 16 kif ukoll fl-Annessi V u VI tar-Regolament.
4. Il-Kummissjoni talloka l-kwoti lill-impriżi kkonċernati. Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li jhroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Mid-data tal-ħruġ, l-idrofluworokarburi mqiegħda fis-suq tar-Renju Unit m'għadhomx fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u m'għadhomx jgħoddu bħala parti mill-kwota alllokata mill-Kummissjoni lill-produtturi u lill-importaturi ⁽⁴⁾.
5. Id-data kollha mibgħuta minn kumpaniji, kif ukoll il-kwoti u l-valuri ta' referenza, jinħażnu fir-Reġistru HFC elettroniku, stabbilit skont l-Artikolu 17 tar-Regolament, u aċċessibbli online permezz tal-"Portal F-gas u s-Sistema ta' Liċenzjar tal-HFC" ⁽⁵⁾. Id-data kollha fir-reġistru HFC, inkluż il-kwoti, il-valuri ta' referenza u d-data kummerċjali u personali, tiġi trattata bħala kunfidenzjali mill-Kummissjoni Ewropea.
6. Fil-ħin tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-HFCs, l-importaturi għandu jkollhom reġistrazzjoni valida bħala importaturi ta' HFCs bl-ingrossa fir-Reġistru HFC aċċessibbli online permezz tal-"Portal F-gas u s-Sistema ta' Liċenzjar tal-HFC" ⁽⁶⁾ skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/661 ⁽⁷⁾. Din ir-reġistrazzjoni hija wkoll meqjusa bħala liċenzja obbligatorja għall-importazzjoni. Liċenzja simili hija meħtieġa għall-esportazzjoni ta' HFCs ⁽⁸⁾.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1984 tal-24 ta' Ottubru 2017 li, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, tiddetermina l-valuri ta' referenza għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020 għal kull produttur jew importatur li jkun legalment qiegħed fis-suq l-idrofluworokarburi mill-1 ta' Jannar 2015, kif irrapportati skont dak ir-Regolament (ĠU L 287, 4.11.2017, p. 4).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1984 ġiet emendata fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018) 8801 final.

⁽⁴⁾ Ara l-avviżi ta' thejjiġa għall-Brexit https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness/preparedness-notices_en

⁽⁵⁾ <https://webgate.ec.europa.eu/ods2/resources/domain>

⁽⁶⁾ <https://webgate.ec.europa.eu/ods2/resources/domain>

⁽⁷⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/661 tal-25 ta' April 2019 li jiżgura l-funzjonament bla xkiel tar-reġistru elettroniku għal kwoti għat-tqiegħid fis-suq ta' idrofluworokarburi (ĠU L 112, 26.4.2019, p. 11).

⁽⁸⁾ Ara wkoll l-Artikolu 1.2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1375.

7. L-importaturi għandhom jiġu speċifikati bħala "Destinatariju" (kaxxa 8) fid-Dokument Amministrattiv Uniku (DAU). L-importaturi huma mħeġġa b'mod qawwi biex fid-DAU (kaxxa 44) jispeċifikaw l-ammonti ta' HFCs f'ekwivalenti ta' CO₂ fil-ħin tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, peress li dan jista' jiffaċilita sew l-iżdoganar tal-merkanzija tal-prodotti tagħhom u l-istabbiliment tal-konformità tagħhom mar-Regolament (UE) Nru 517/2014.

Għall-produtturi u l-importaturi li għalihom ikun ġie ddeterminat valur ta' referenza, kif imsemmi fil-punt 1 a) ta' dan l-avviż, biss:

8. Dawn l-impriżi se jirċievu 89 % ta' 63 % (jiġifieri, 56,07 %) tal-valur ta' referenza rilevanti tagħhom bħala kwota għall-2020, skont l-Artikolu 16(5) kif ukoll l-Annessi V u VI tar-Regolament.

Għall-impriżi kollha, kif imsemmi fil-punt 1 a) u b) ta' dan l-Avviż:

9. Skont l-Anness VI tar-Regolament, is-somma tal-kwoti allokatu abbażi tal-valuri ta' referenza skont il-paragrafu 8 hawn fuq, titnaqqas mill-kwantità massima disponibbli għall-2020 sabiex tiġi ddeterminata l-kwantità li għandha tiġi allokata mir-riżerva.
10. L-impriżi li jixtiequ jiksibu kwota minn din ir-riżerva jeħtieġ li jseguw l-proċedura deskritta fil-punti minn 11 sa 14 ta' dan l-avviż.
11. Skont l-Artikoli 16(2) u 17(1) tar-Regolament, l-impriża jeħtieġ li jkollha profil tar-reġistrazzjoni validu, approvat mill-Kummissjoni skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/661, bħala produttur u/jew importatur tal-idrofluworokarburi fir-Reġistru HFC online, aċċessibbli permezz tal-"Portal F-gas u s-Sistema ta' Liċenzjar tal-HFC" ⁽⁹⁾. Sabiex jiġi żgurat it-trattament xieraq tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, inkluża l-ħtieġa possibbli għal informazzjoni addizzjonali, l-applikazzjoni trid issir mhux aktar tard minn xahar qabel il-bidu tal-perjodu ta' dikjarazzjoni, jiġifieri qabel is-17 ta' Mejju 2019 (ara l-punt 12). Għal kwalunkwe applikazzjoni li tasal wara din l-iskadenza, ma jistax jiġi żgurat li tkun tista' tittieħed deċiżjoni finali rigward l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni qabel tmiem il-perjodu ta' dikjarazzjoni (ara l-punt 12). Il-kumpaniji li għadhom mhumiex irreġistrati jistgħu jsibu gwida dwar kif għandhom jirreġistraw fuq is-sit web tad-DG CLIMA ⁽¹⁰⁾.
12. Jeħtieġ li l-impriża tagħmel dikjarazzjoni dwar il-kwantitajiet antiċipati (addizzjonali) għall-2020 fir-Reġistru HFC aċċessibbli online permezz tal-"Portal F-gas u s-Sistema ta' Liċenzjar tal-HFC" ⁽¹¹⁾ fil-perjodu ta' dikjarazzjoni mis-17 ta' Ġunju sas-17 ta' Lulju 2019, 13.00 CET.
13. Huma biss dawk id-dikjarazzjonijiet dwar il-kwantitajiet antiċipati (addizzjonali) li jkunu mimlija tajjeb, li jkunu mingħajr żbalji u li jaslu qabel is-17 ta' Lulju 2019, 13.00 CET li se jitqiesu bħala validi mill-Kummissjoni.
14. Abbażi ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, il-Kummissjoni talloka kwoti lil dawn l-impriżi skont l-Artikolu 16(2), 16(4) u 16(5) kif ukoll l-Annessi V u VI tar-Regolament.
15. L-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/661 jistipula li għall-fini tal-allokkazzjoni tal-kwota għat-tqegħid fis-suq ta' idrofluworokarburi skont l-Artikolu 16(5) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, l-impriżi kollha bl-istess sid benefiċjarju/sidien benefiċjarji għandhom jitqiesu bħala dikjarant wieħed skont l-Artikolu 16(2) u (4) tar-Regolament.
16. Il-Kummissjoni tinforma lill-impriżi dwar il-kwota allokata totali għall-2020 permezz tar-reġistru HFC fi ħdan il-"Portal F-gas u s-Sistema ta' Liċenzjar tal-HFC".
17. Ir-reġistrazzjoni fir-Reġistru HFC aċċessibbli permezz tal-"Portal F-gas u s-Sistema ta' Liċenzjar tal-HFC" u/jew dikjarazzjoni dwar il-ħsieb tal-introduzzjoni fis-suq tal-idrofluworokarburi fl-2020 weħidhom ma jagħtu l-ebda dritt għall-introduzzjoni fis-suq tal-idrofluworokarburi fl-2020.

⁽⁹⁾ <https://webgate.ec.europa.eu/ods2/resources/domain>

⁽¹⁰⁾ https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/f-gas/docs/guidance_document_en.pdf

⁽¹¹⁾ <https://webgate.ec.europa.eu/ods2/resources/domain>

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT